**163. Il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jipproponi:**

Billi Malta Industrial Parks Limited (MIP) għandha l-ħsieb li tikri biċċa art f'Ħal Luqa li tifforma parti mill-ajruport lis-soċjetà SR Technics Malta Limited (SRT) għal skopijiet industrijali;

Billi parti minn din l-art, li tidher immarkata bil-kulur blu u indikata bħala "Park 4" fuq il-pjanta P.D. 259_2001_5_A hawn annessa u mmarkata bħala "Dok A", ingħatat lill-Malta International Airport p.l.c. (MIA), taħt ftehim ta' mmaniġġjar, bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli tas-26 ta' Lulju 2002 wara riżoluzzjoni Parlamentari tad-19 ta' Lulju 2002;

Billi l-MIA hija disposta li tikri din l-art (jew parti minnha skond ma jiġi miftiehem minn żmien għal zmien) lill-MIP biex b'hekk l-istess MIP tkun tista' tikri din l-art flimkien ma' art ikbar lil SRT;

Billi għalhekk il-kuntratt tas-26 ta' Lulju 2002 hawn fuq imsemmi jeħtieġ li jiġi emendat sabiex ikun possibbli li l-art imsemmija hawn fuq u li tidher fuq il-pjanta P.D. 259_2001_5_A, tingħata b'titolu ta' kera mill-MIA lill-MIP u sussegwentement tiġi sullokata lil SRT;

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta huwa dispost li jaċċetta li ssir din il-modifika fl-interess tal-ekonomija tal-pajjiż

Billi skont il-paragrafu (c) tal-Artikolu 2 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta), kull bidla li ssir fi kwalunkwe kundizzjoni inkluża fit-trasferiment ta' xi art, tfisser it-trasferiment jew l-għoti ta' xi art bi kwalunkwe titolu jkun li jkun;

Billi għalhekk il-bidla fil-kundizzjoni hawn fuq imsemmija tista' ssir biss skont il-paragrafu (d) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bdil tal-kundizzjoni imsemmija għandha ssir skont l-Abbozz ta' Ftehim, hawn anness u mmarkat "Dok. B", li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

30.06.10